C/2026/4230

31.7.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12504 — MITSUBISHI HC CAPITAL / BROOKFIELD / MHBF RENEWABLES)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/4230)

1. Fit-22 ta' Lulju 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Brookfield Corporation ("Brookfield", il-Kanada),

— Mitsubishi HC Capital Inc. ("MHC", il-Ġappun),

— MHBF Renewable Holdings Limited ("MHBF", ir-Renju Unit), ikkontrollata minn Brookfield.

Brookfield u MHC jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' MHBF.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Brookfield hija ditta ta' investiment globali li tinvesti kapital diskrezjonali globalment għall-investituri mad-dawra sħiħa tan-negozji ewlenin tagħha, inkluż in-negozju tal-ġestjoni tal-assi tagħha u n-negozji operattivi tagħha ffukati l-aktar fuq l-enerġija rinnovabbli u t-tranżizzjoni, l-infrastruttura, l-ekwità privata, u l-proprjetà immobbli,,

— MHC hija fornitur ta' finanzjament kummerċjali, li toffri firxa ta' soluzzjonijiet finanzjarji, inklużi l-finanzjament tal-assi, il-lokazzjoni tal-vetturi u l-bejgħ bi ħlas bin-nifs.

3. MHBF se timmaniġġja l-assi tal-enerġija rinnovabbli fi Franza, fi Spanja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja, fl-Irlanda u fir-Renju Unit.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi [2] jenħtieġ jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12504 — MITSUBISHI HC CAPITAL / BROOKFIELD / MHBF RENEWABLES

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË